MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 99/2013

Il-Pulizija

vs

**Fabio Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Fabio Psaila quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax- xahar ta' Novembru, 2012 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt biex jaghti lil Isabelle Mercieca u/jew lill-ulied is-somma ffissata minn dik il- Qorti jew stipulata bil- kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Fabio Psaila tal-25 ta' Frar, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha
tikkonfermaha in kwantu sabitu hati, u li tvarjaha in kwantu ghall-piena inflitta billi tikkundannah ghal piena aktar miti, gusta u ekwa skont il-ligi u ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Umilment l-appellant jikkontendi illi s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu hija eccessivament oneruza u mhux ekwa skont il-Ligi.

Jigi rilevat immedjatament li l-esponenti bl-agir tieghu ma ried bl-ebda mod jonqos mir-rispett lill-Onorabbli Qorti Civili, Sezzjoni Familja. L-esponenti naqas milli jhallas il-manteniment ghax-xahar ta' Novembru, 2012 mhux b'kapricc, bi sfida, jew b'nuqqas ta' rispett lejn l-imsemmija Qorti, izda minhabba li l-fatt li huwa ma jahdimx ifisser li huwa fi glieda kostanti sabiex ilahhaq mal-ispejjez, u ghall-imsemmi xahar kien jinsab f'pozizzjoni fejn bl-ebda mod ma seta' jversa l-pagament.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat ukoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li din kienet l-ewwel darba li l-esponenti gie akkuzat bil-kontravvenzjoni mertu ta' dan l-umli appell. L-esponenti jirrileva wkollli dan tant hu minnu li ma ngabitx imputazzjoni ta' recidiva kontrih.

Meta wiehed jgharbel il-kazistika johrog b'mod ampjament car li dan il-fatt ghandu jittiehed in konsiderazzjoni.

In lineja mas-suespost, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Mifsud", deciza minn dina l-Onorabbli Qorti, presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Dr. M. Mallia, fl-14 ta' Frar, 2013, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-fedina penali tal-imputat kienet turi li qatt qabel ma kien instab hati tal-istess reat, u ghalhekk irriformat il-piena li kienet giet inflitta mill-Ewwel Qorti, u cioe' dik ta' gimgha detenzjoni, ghal piena aktar miti u cioe' lliberat lill-imputat taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Huwa wkoll evidenti fil-kazistika li meta l-ammont dovut bhala manteniment jithallas ghandu jkun hemm temperament fil-piena. Dan huwa ampjament car kemm mill-kaz supra citat, izda aktar u aktar fis-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Dr. L. Quintano, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Michael Mifsud[1]", fejn dina l-Onorabbli Qorti

[1] Il-Pulizija v. Michael Mifsud, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef Dr. L. Quintano, 12/02/2013.

rrevokat sentenza ta' xahar prigunerija u minflok ikkudannat lill-appellant ihallas biss ammenda ta’ tmienja u hamsin ewro (€58).

Juru bic-car ukoll in-natura eccessiva tal-piena inflitta fuq l-appellant kawzi ohra, fosthom il-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. John Zammit[2]", fejn piena ta' xahar prigunerija nflitta mill-Ewwel Qorti giet revokata minhabba li sar il-pagament dovut u minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u minflok l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali lliberatu taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 taht il-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet xhur. Huwa pertinenti wkoll li jigi rilevat li fl-imsemmija kawza l-imputat kien diga nstab hati precedentement tal-istess kontravvenzjoni!

Ghandu jigi rilevat ukoll, anke fid-dawl tal-kazistika su esposta, li l-appellant ser jaghmel hiltu kollha sabiex ihallas l-ammont dovut malajr kemm jista' jkun.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju, 2015 fejn il-parte civile Isabella Mercieca nfurmat lill-Qorti li l-appellant Fabiio Psaila hallas dak kollu dovut ghax-xahar ta' Novembru, 2012 u ghalhekk ma ghandha ebda interess f'dan l-appell.

Semghet il-partijiet.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Fabio Psaila u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' gimgha detenzjoni u minflok tilliberaha lill-

[2] Il-Pulizija v. John Zammit, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef Dr. D. Scicluna, 06/02/2013.

appellant Fabio Psaila taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------